**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **55**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar It-Tlieta 18 ta' Novembru, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| Ħad-Dingli: | Sindku is-Sur Raymond Schembri |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:50 ta' filgħaxija.

**55.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

55.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca, is-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Steve Zammit Lupi, s-Sindku tas-Siġġiewi s-Sur Julian Borg u s-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri.

**55.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 54;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 54 li saret nhar is-6 ta' Ottubru 2025.

Sekondant: is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**55.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

55.03.01 Waqt il-European Week of Regions and Cities f'Ottubru ingħataw l-kotba lill-Ambaxxata Maltija fi Brussell.

55.03.02 Nhar is-06.10.25 ġejna infurmati li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi hu interessat japplika għall-Akkreditazzjoni ELoGE.

55.03.03 Nhar is-06.10.25, il-Maniġer tal-Ambjent attenda għall-ENVİSION 2050 – Bini u Kostruzzjoni

55.03.04 Matul l-aħħar xahar intbagħtu l-PO mill-Kunsilli Lokali sabiex jinxtraw l-AEDs

55.03.05 Ingħata bidu għal proġett 'Darba Waħda fil-villaġġ' b'laqgħa mas-Sindki, ES u Kunsilliera responsabbli mil-kultura

**55.04 Kommunikazzjoni mill-President**

55.04.01 Nhar is-06.10.25 l-ERA infurmawna li ser ikunu qed jiddiskutu kwistjonijiet tal-PR b'referenza għal email tal-President nhar il-05.10.25.

55.04.02 Nhar is-06.10.25 il-Maniġer tal-Iskart bagħat il-GreenPak il-Bi-Annual Report (January – June 2025) li jinkludu sommarju tal-kwantitajiet totali ta' materjali riċiklabbli miġbura.

55.04.03 Nhar is-06.10.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) qed tistieden lill-għaqdiet volontarji biex ikunu preżenti fil-Christmas Market li l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat se jkun qed jorganizza nhar id-19.12.25 u nhar il-21.12.25. L-għaqdiet għandhom l-opportunità li jmexxu wieħed mill-istalls provduti mill-Ministeru.

55.04.04 Nhar is-06.10.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-GAL Xlokk li bħala Reġjun qed nikkunsidraw għażliet taħt miżura 4, speċifikament fil-qasam tal-bini tal-kapaċita', eżempju li niżviluppaw proġett b'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet volontarji, li jiffoka fuq is-snajja tradizzjonali, eżempju il-manifattura tal-liedna. Permezz ta' din l-inizjattiva membri volontarji jgħaddu din is-sengħa lill-parteċipanti interessati, u b'hekk jgħinu biex jippreservaw u jittrażmettu din il-ħila minn ġenerazzjoni għal oħra.

55.04.05 Nhar is-06.10.25 id-Direttur Galea infurmana li wara li ġabu kjarifika mill-JobsPlus jikkonferma li ħaddiem kemm klerikali u Maniġer ikun jista' jerġa jinqeleb minn part-time għal full time mingħajr ma tinħareġ sejħa ġdida.

55.04.06 Nhar is-07.10.25 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li IPS, li l-istudenta li kellna matul il-ġranet tas-sajf infurmatna li mhux se tkun tista tibqa' magħna minħabba l-istudji tagħha. Staqsiet jekk hux possibli ikollna studenta oħra għal ġranet tax-xitwa.

55.04.07 Nhar is-07.10.25 il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali informa li tkellem dirett mal-Ministeru tal-Edukazzjoni rigward il-kwistjoni ta' assikurazzjoni meta nużaw swali tal-iskejjel. Informa li l-Kunsilli Lokali ma jaqgħux taħt din id-direttiva.

55.04.08 Nhar is-07.10.25 irċivejna stedina mingħand L-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fuq inizjattiva trasformattiva – il-Programm ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu dwar il-Prevenzjoni tal-Iskart. Bl-għan li jrawwem inizjattivi ta' kondiviżjoni tal-ħiliet u taħriġ li jinkoraġġixxu t-tnaqqis tal-iskart, l-użu mill-ġdid, it-tiswija, l-użu mill-ġdid u l-bejgħ mill-ġdid ta' diversi prodotti.

55.04.09 Nhar is-07.10.25 is-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL għadditilna komunikat - Training on Energy-efficient behaviour for LRGs. Minħabba mpenji oħra l-Maniġer tal-Ambjent ma setax jattendi.

55.04.10 Nhar it-08.10.25 saret laqgħa man- Nurseries tal-football rigward kollaborazzjoni sa l-aħħar tas-sena 2025.

55.04.11 Nhar id-09.10.25 irċivejna mid-DLG ESF+.03.243 - Training Grants to Public Sector Employees within the Cultural and Creative Sectors. Infurmawna li din l-inizjattiva tippreżenta opportunità eċċellenti għas-Segretarji Eżekuttivi u l-Maniġers Kulturali fi ħdan il-Kunsilli Reġjonali.

55.04.12 Nhar id-09.10.25 irċivejna li n-National URBACT Point kif ukoll l-Urban Contact Point għall-Inizjattiva Urbana Ewropea jibqgħu impenjati sabiex jappoġġjaw lill-awtorijtajiet lokali tisħiħ tal-governanza urbana, fl-aċċess għall-opportunitajiet ta' kooperazzjoni Ewropea, u fl-avvanz tal-iżvilupp urban sostenibbli.

55.04.13 Nhar id-09.10.25 irċivejna mingħand il-Wasteserv fejn infurmawna li qegħdin fil-proċess li jġeddu l-permessi għar-rimi ta' skart għall-2026. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mill-aħħar Ġimgħa ta' Novembru.

55.04.14 Nhar id-09.10.25 irċivejna Cir AKL 2025/059_Join the European Climate Pact - Call for Ambassadors and Partners open. Din għalqet nhar il-15.10.25.

55.04.15 Nhar id-09.10.25 irċivejna Cir AKL/Reġjuni 018/2025_CEMR training | Gender Action Plan (Hybrid). Korrispondenza mibgħutha mis-Sa Annelies Coessens mis-CEMR li ser isir nhar 18.11.25.

55.04.16 Nhar id-09.10.25 irċivejna Cir AKL 2025/060_EkoSkola - Green Flag Award Ceremony: Celebrating Sustainable Milestones 07.11.2025. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali se tkun qed tikkollabora ma' Nature Trust – FEE Malta u Eko Skola Malta, fejn se tiġi organizzata ċerimonja biex tagħraf ix-xogħol li sar mill-istudenti matul is-sena skolastika.

55.04.17 Nhar l-10.10.25 irċivejna Cir AKL 2025/061 CEMR LAB Project – Avveniment ta' Jumejn dwar id-Djalogu Soċjali li ser isir nhar 13-14 Novembru 2025.

55.04.18 Nhar l-10.10.25 irċivejna Cir AKL 2025/062 FW: Stedina għal Konferenza dwar il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE f'Malta li saret nhar 31.10.25. Korrispondenza mibgħuta mis-Sur Brian Pace minn Servizzi Ewropej.

55.04.19 Nhar l-10.10.25 Transport Malta organizzaw Seminars Informattivi dwar il-ġestjoni u l-manutenzjoni taż-żbir tas-siġar tul l-infrastruttura tat-toroq u ż-żoni pubbliċi relatati.

55.04.20 Nhar l-10.10.25 ittellgħet l-attivita 'Arts for social change' ġewwa l-lokalita' tal-Imqabba.

55.04.21 Nhar il-11.10.25 mill-kumpanija METIS beda jaħdem magħna student mill-Polonja. Hu ser idum fostna sa 09.11.25.

55.04.22 Nhar it-13.10.25 irċivejna Cir AKL 2025/063_Christmas Get Together Gala Night 2025 li ser issir nhar 19.12.2025.

55.04.23 Nhar 13.10.25 l-Maniġer tal-Ambjent u tal-Proġetti attendew għall-laqgħa mal-Enemalta u WSC.

55.04.24 Nhar l-14.10.25 irċivejna mingħand Transport Malta li għal dawk li ma' attendewx is-seminar dwar il-ġestjoni u l-manutenzjoni taż-żbir tas-siġar tul l-infrastruttura tat-toroq u ż-żoni pubbliċi relatati ser issir ieħor nhar l-24.10.25.

55.04.25 Nhar l-14.10.25 irċivejna sabiex nimlew l-iskeda tal-hotspots għax-xhur ta' Ottubru/ Novembru.

55.04.26 Nhar l-14.10.25 irċivejna mingħand DLG Ċirkulari 4_2025 - Fondi għat-Taħriġ ta' Uffiċċjali u Membri Eletti fil-qasam tal-Gvern Lokali fejn dawk interessati jistgħu jibbenefikaw minn fond ta' Eur4,000 sabiex jattendu taħriġ, seminars jew konferenzi.

55.04.27 Nhar il-15.10.25 il-Maniġer tal-Ambjent bagħat lid-DLG ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-mobile application.

55.04.28 Nhar is-16.10.25 irċivejna PQ 31292 - Ministeru għall-Kulturai, l-Artijiet u l-Gvern Lokali – Direct orders. Din ġiet irtirata.

55.04.29 Nhar is-16.10.25 irċivejna mingħand il-Wasteserv ir-rapport dwar il-ġbir tal-iskart domestiku għax xahar ta' Settembru.

55.04.30 Nhar is-16.10.25 is-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL irringazzjat lis-Sindku kemm għal messaġġ ġentili kif ukoll għall-ospitalità sabieħa li wrew lid-delegazzjoni Maltija waqt l-10 Festival Internazzjonali ta' Kaleici Old Town.

55.04.31 Nhar is-17.10.25 irċivejna stedina għall- AGM tar-Reġjun Nofsinhar.

55.04.32 Nhar is-17.10.25 irċivejna li in-nominazzjonijiet għall "Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena" huma miftuħa u ser jagħlqu nhar is-27.10.25. Is-serata ser issir taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta nhar il-15.11.2025.

55.04.33 Nhar is-17.10.25 irċivejna ir-rabà allokazzjoni li tammonta għall- €551,912.21.

55.04.34 Nhar l-20.10.25 id-Direttur Galea informana li d-Diviżjoni qegħda fil-proċess biex tgħaddi l-allokazzjoni addizzjonali għall-ispiża tal-ġabra tal-iskart riċiklabbli mill-istabbilimenti kummerċjali skont l-addendum. Infurmana sabiex ngħaddulu rendikont tal-ħlasijiet kollha li saru u proġettat li jsiru għal dan ir-rigward matul 2025.

55.04.35 Nhar l-20.10.25 irċivejna mill-Wasteserv li baqa biss 3 ġimgħat biex tagħlaq ir-reġsitrazzjoni għall-Ġimgħa Ewropea għat-tnaqqis tal-iskart ta' din is-sena. It-tema għall-2025 hija l-WEEE – Skart ta' tagħmir Elettriku u Elettroniku.

55.04.36 Nhar l-20.10.25 irċivejna Cir AKL 2025/064_Invitation: International Colloquium on the Right of Children to Participate (Malta, 19-21 Nov 2025).

55.04.37 Nhar l-20.10.25 bagħtna invit lis-Sindki u l-kunsilliera għal-għeluq u l-workshop tal-

proġett Nudge Active Travel b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta nhar l-24.10.2025. Dan jimmarka t-tlestija b'suċċess tal-aħħar ħames totem poles u l-immappjar ta' rotot għall-mixi u ċikliżmu.

55.04.38 Nhar l-20.10.25 l-ERA irċivejna invit għal Nature Restoration Regulation Stakeholder Workshop li sar nhar 10.11.25 ġewwa Salini Resort Hotel, St Paul's Bay.

55.04.39 Nhar l-20.10.25 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fin-nuqqas t'attendenza tas-Sur MA rappreżentant tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ u tas-Sa RC mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Kirkop ir-Reġjun qed jitlob lura l-ammont ta' Eur380 kull persuna bħala rimbors. Ir-Reġjun Punent hekk kif maqbul fil-laqgħa nru KRP-48-2025 li saret nhar id-29 t' April li għadda, offra li jħallas passaġġi tal-ajru lil rappreżentant minn kull Kunsill Lokali. Kien maqbul ukoll li ġaladarba dan ir-rappreżentant ma jattendix dawn il-flus iridu jiġu mrodda lura lir-Reġjun.

55.04.40 Nhar il-21.10.25 irċivejna mid-DLG li flimkien mal-IMU tal-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali laħqu ftehim mal-MITA sabiex isir titjieb fl-infrastruttura tan-network fil-Kunsilli Lokali u Reġjonali sabiex dawn ikunu mgħammra b'apparat ta' kwalità u ċċertifikat li jilħaq standards industrijali. Talbuna sabiex nibgħatulhom l-pjanti tas-sit tal-postijiet rispettivi tagħna. Dan jgħin lil MITA tifhem aħjar il-bżonnijiet speċifiċi ta' kull kunsill u tippjana l-ħidma tagħha b'mod effettiv.

55.04.41 Nhar il-21.10.25 irċivejna Cir AKL 2025/065 Skema ta' Fondi - Inizjattivi ta' Mobilità Attiva u Sostenibbli. L-applikazzjonijiet għal inizjattivi relatati mal-mobilità attiva u sostenibbli huma miftuħa.

55.04.42 Nhar il-21.10.25 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet id-Data Processing Agreement bejn il-Kunsilli Lokali u r-Reġjun sabiex inkunu nistgħu naċċessaw id-data ta' CCTV.

55.04.43 Nhar il-21.10.25 il-Maniġier tal- Iskart informa lil-ERA dwar l-isfida li ser inkunu qed naffaċjaw matul il-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena relatata mal-iskeda nazzjonali tal-ġbir tal-iskart. Skont il-framework stabbilit, l-ebda ġbir ta' skart ma jsir f'Jum il-Milied u Jum l-Ewwel tas-Sena. Din is-sena, iż-żewġ festi jaħbtu nhar ta' Ħamis, li nazzjonalment huwa l-jum magħżul għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli.

Il-President tal-AKL bagħat li bħala Assoċjazzjoni diġa qajjmu din il-kwistjoni u qed jistennew il-gwida tagħhom. Informa li b'mod parallel issuġerixxa li nfittxu feedback immedjat mingħand il-kuntratturi kollha , partikolarment jekk nagħżlu ġbir doppju nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Diċembru 2025, u l-Ġimgħa, 2 ta' Jannar 2026, peress li t-2 ta' Jannar se jikkoinċidi mal-ġbir tal-ħġieġ u jista' jkun ta' piż għall-ekwipaġġi u l-flotta.

55.04.44 Nhar it-22.10.25 is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lid-Direttur Bugeja x'linji gwidi għandna nsegwu fid-dawl tat-terminazzjoni tad-depożiti ta' ċekkijiet permezz tas-Servizz BOV Express Deposit fit-22 ta' Novembru. Id-Direttur Buġeja infurmatna li din l-kwistjoni qed tiġi diskussa.

55.04.45 Nhar it-22.10.25 saret il-laqgħa għas-Sindki, Kunsilliera responsabbli mil-Kultura u ES fuq il-Proġett ' Darba Waħda fil-Villaġġ' fejn ġie mfihem l-proġett u kif jista' jsir koordiment flimkien.

55.04.46 Nhar it-22.10.25 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sindki tal-Imqabba, Qrendi, Żurrieq, Siġġiewi u Ħal Kirkop li min jixtieq xi għajnuna fil-laqgħat mal-ERA permezz tal-Environmental Manager għandhom jinfurmawna bl-aġenda li jixtiequ tiddiskutu.

55.04.47 Nhar it-22.10.25 irċivejna stedina mingħand Festivals Malta fl-okkazzjoni ta' Jum it-Tifkira nhar 09.11.25.

55.04.48 Nhar it-23.10.25 irċivejna r-rabat edizzjoni tal-Urban Newsletter, imħejjija mill-Urban Contact Point u l-UrbACT National Point fid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. F'din l-edizzjoni, issib:

- Aġġornamenti dwar is-Sejħa għar-Reviżjoni bejn il-Pari tal-EUI
- URBACT City Festival 2026
- Informazzjoni dwar avvenimenti u webinars tal-UE li ġejjin

55.04.49 Nhar it-23.10.25 irċivejna kommunikat ERA event - Bites and Fun at Spencer's' – nhar 02.11.2025.

55.04.50 Nhar l-24.10.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 019/2025_European Mobility Week. Infurmawna li l-applikazzjonijiet għall-inizjattivi relatati mal-mobbiltà attiva u sostenibbli qed jiġi milqugħa.

55.04.51 Nhar l-24.10.25 irċivejna Cir AKL 2025/066_Enemalta - Street Lighting Retrofitting Project. Ġejna infurmati li l-proċess min-naħa tal-Enemalta sabiex issir bdil ta' street lighting għal wieħed LED beda min-nhar it-Tnejn, 13 t' Ottubru. Kull xogħol ieħor li mhux fl-iskop tal-proġett għandu jsir mill-Kunsill Lokali rispettiv. Dan il-proġett huwa mistenni li jdum sentejn u kull bozza matul dan il-perjodu li tiġi rrapurtata lill-Kunsill li nqatgħet għandha tkun irrapurtata lil Enemalta sabiex tiġi mibdula mill-istess kuntratturi. Dawn il-bozoz ser ikollhom garanzija ta' 5 snin u għaldaqstant kull ħsara għandha tkun irrapurtata lil Enemalta LC helpdesk.

55.04.52 Nhar l-24.10.25 il-Maniġer tal-Iskart stieden lill-prinċipali u l-kapijiet tal-iskejjel sabiex jipparteċipaw fil-Kors Qasir FoodTuristic — inizjattiva edukattiva mmirata biex tqajjem kuxjenza u tibni l-kapaċità fil-ġestjoni sostenibbli tal-iskart tal-ikel, f'koordinazzjoni mal-ITS. Bħala parti minn din il-kollaborazzjoni, l-ITS jista' jagħti sessjoni ta' siegħa fl-iskola tagħkom, wara li l-istudenti interessati jistgħu jkomplu l-kors modulari online bil-pass tagħhom. Malli jitlesta, il-parteċipanti jirċievu ċertifikat akkreditat personalizzat. Dan iċ-ċertifikat jista' jiġi inkluż fis-CVs tal-istudenti, u joffri kredenzjali siewja fis-sostenibbiltà u l-ġestjoni tal-ikel.

55.04.53 Nhar l-24.10.25 irċivejna invit għal sessjoni ta' Informazzjoni dwar il-Programm Ewropa Kreattiva – il-Kultura, iddisinjata għal professjonisti kulturali u kreattivi interessati f'opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE. Il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-Kunsilli dwar dan u attendiet għas-sezzjoni.

55.04.54 Nhar l-24.10.25 sar l-għeluq tal-proġett Nudge Active Travel b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta.

55.04.55 Nhar l-24.10.25 ittellgħet l-attivita' kulturali b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi – Salve Regina

55.04.56 Nhar il-25.10.254 saret il-Clean Up ġewwa lokalita' ta Ħal-Safi.

55.04.57 Nhar il-25.10.25 ic-CEO tal-LESA infurmana dwar l-iskema Proġetti fil-Komunitajiet - Programm 2024-2026, fejn l-Aġenzija LESA ikkommettiet ruħha li ser tinvesti lura fil-komunitajiet permezz ta' proġetti, b'valur totali ta' tlett miljun ewro imqassma fuq tlett snin. Infurmana li ewwel sejħa ta' din l-iskema, diversi kunsilli diġa ibbenefikaw minn €1.8m f'aktar minn 30 proġett u qed terġa tiftaħ it-tieni u l-aħħar sejħa għal din l-iskema għall- proġetti li se jsiru fl-2026. Informa li , l-iskema hija miftuħa biss għal dawk il-Kunsilli li ma ġewx magħżula fl-ewwel sejħa.

55.04.58 Nhar it-28.10.25 ġejna imfakkra fuq l-inizjattiva tac-City to City Exchange. Dan il-programm joffri opportunità sempliċi iżda siewja għall-Kunsilli Lokali biex jaqsmu l-aħjar prattiki, isaħħu l-kollaborazzjoni, u jitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin.

55.04.59 Nhar it-28.10.25 Ġejna mistiedna għal konferenza stampa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, flimkien mal-Ministeru għas-Saħħa dwar il-Miżuri tal-Budget fuq l-ambjent, spazji pubbliċi u saħħa mentali. li saret nhar it-

30.10.25.

55.04.60 Nhar id-29.10.25 irċivejna PQ 31792- Regjun Punent – Managers. PQ 31792 - L-ONOR BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali:

Jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm Managers impjegati mar-Reġjun Punent fis-snin 2023, 2024 u 2025? Kemm kienet in-nefqa fuq il-pagi ta’ dawn il-Managers fis-snin 2023 u 2024, maqsuma sena b’sena? Jista’ jgħid ukoll kemm se tkun in-nefqa ppjanata għas-sena 2025? Risposta:

| Reġjun Punent: | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 |
|---|---|---|---|
| **Numru ta' managers impjegati** | 5 | 6 | 6 (ink 2 fuq Bażi PT) |
| **Nefqa fuq il-pagi ta' dawn il-Managers** | €112,261 | €193,447 | |
| **Nefqa ppjanata għas-sena 2025** | | | €182,136 |

55.04.61 Nhar id-29.10.25 saret il-Clean Up ġewwa lokalita’ ta Ħaz-Żebbuġ.

55.04.62 Nhar id-29.10.25 id-DG Vassallo bagħtilna kommunikat fuq EUFEAST li hija inizjattiva ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm Interreg Europe. Il-proġett għandu l-għan li jsaħħaħ id-diversità kulturali u l-inklużjoni soċjali filwaqt li jappoġġja t-tkabbir reġjonali, l-intraprenditorija lokali, u l-benesseri tal-komunità permezz ta’ festivals u avvenimenti kulturali. Ġejna mistiedna sabiex ninnominaw persuna għall-ewwel Laqgħa tal-Partijiet Interessati għall-proġett EUFEAST, li saret nhar il-5.11.25. Id-diskussjoni se tiffoka fuq tliet oqsma ewlenin li huma:

- Attivitajiet kulturali organizzati minn Kunsilli Lokali u Reġjonali
- L-inizjattiva Reġjun tal-Kultura
- Il-Festa tar-Raħal Malti

55.04.63 Nhar id-29.10.25 il-President bagħat lill PS DLG Mahoney rigward talba għal kumpens finanzjarju għal tnaqqis ta’ fondi li kellna fuq skart fis sena 2025, apprezzament li ingħatajna permess għal ħruġ ta multi u lmenti fuq skart, talba ta’ kumpens fuq il-kontijiet tar-rejects mhux imħallsa mid-DLG, fhiex wasal il-process tat-tenders u talba sabiex is-sena d-dieħla ningħataw l-opportunita’ li nikkonsultaw l-budget ma DLG.

55.04.64 Nhar id-29.10.25 sar il-qtugħ taż-żebbuġ ġewwa is-Savio College Ħad-Dingli.

55.04.65 Nhar id-29.10.25 saret il-laqgħa bejn il-Kunsill Lokali tal-Imqabba u l-ERA fejn ġew diskussi problemi ambjentali fil-lokalita’.

55.04.66 Nhar it-30.10.25 il-Maniġer tal-Proġetti ta aġġornament fuq SPI/SCI/10/2022 Espressjoni ta’ Interess: Żvilupp u titjib ta’ Latrini Pubbliċi Awtomatiċi madwar Malta u Għawdex - Ottubru 2025.

55.04.67 Nhar it-30.10.25 il-maniġier tal-fondi Lokali u Ewropej bagħtet sommarju tal-erbà miżuri maħruġa minn GAL Majistral li qed jintlaqgħu fuq sistema ta’ open block kull l-aħħar tax-xahar.

55.04.68 Nhar it-30.10.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet sommarju tal-erbà miżuri maħruġa minn GAL Xlokk li qed jintlaqgħu fuq sistema ta’ open block kull l-aħħar tax-xahar.

55.04.69 Nhar it-30.10.25 saret laqgħa mas-Segretarji Eżekuttivi fl-uffiċini tar-Reġjun fejn ingħataw rendikont tal-fondi disponibbli u ġew diskussa materji oħra komuni.

55.04.70 Nhar l-01.11.25 sar football tournament ġewwa is-Siġġiewi fejn dawk li pparteċipaw niżlu fix-xelter li hemm fil-qalba tal-lokal bħala parti mill-attivitajiet kulturali marbuta

ma' dawn it-tournaments.

55.04.71 Nhar l-01.11.2025 sar il-ġbir taż-żebbug ġewwa l-lokalita ta' Ħaż-Żebbuġ bil-parteċipazzjoni tal-Iscouts.

55.04.72 Nhar it-03.11.25 irċivejna tfakkira li l-applikazzjonijiet għal European Week for Waste reduction ser ikunu qed jiġu aċċetati sad-09.11.25.

55.04.73 Nhar l-04.11.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 020/2025 SPRING Annual Migration and Integration Conference Invitation and Agenda li saret nhar it-12.11.2025. Korrispondenza mibgħtuha mis-Sa Christie Spiteri mil-Human Rights Directorate.

55.04.74 Nhar l-04.11.25 il-Maniger tal-Iskart applika mal-ERA bil-progett "Fix-It Schools – Right to Repair Education Programme" fuq is-sejha li ħarħu ta' Continuous Professional Development Programme on Waste Prevention.

55.04.75 Nhar il-05.11.25 il-Maniġer tal-Ambjent informa lill-Kunsilli Lokali dwar il-konferenza stampa li ser issir nhar 08.11.25 mmexxija mill-għaqdiet residenzjali u ċivili rigward l-implikazzjonijiet tal-iżvilupp taż-żona tal-Amparell ġewwa Ħal Safi bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali.

55.04.76 Nhar is-06.11.25 irċivejna Ċirkulari 4/2025 dwar l-għeluq tas-sena finanzjarja.

55.04.77 Nhar is-06.11.25 il-Maniġer tal-Proġetti informa lis-sindki li r-Reġjun għandu 2 studenti li qed jiġbru informazzjoni sabiex jiktbu business report rigward l-attivtà tal-ġbir taż-Żebbuġ. Infurma li xi wħud mis-sindki ser ikunu qed jirċievu telefonata mingħandom sabiex isaqsu xi mistoqsijiet.

55.04.78 Nhar is-06.11.25 irċivejna Cir AKL 2025/067_Light, Unite, Ignite - Team Building Event 2025 li ser isir nhar 21.11.2025. L-attivtà ser tkunu tinkludi sessjoni ta' teambuilding imexxija minnMediacoop.

55.04.79 Nhar is-06.11.25 irċivejna mingħand l-ERA l-iskeda u multi tar-rimi taż-żibel u s-separazzjoni obbligatorja tal-iskart għat-tielet kwart.

55.04.80 Nhar is-06.11.25 saret il-laqgha bejn il-KL Qrendi u l-ERA fejn ġew diskussi problemi ambjentali fil-lokalita'.

55.04.81 Nhar is-07.11.25 irċivejna mill-ACM li ser ikunu qed iħabbru n-nominati tal-Premju għall-Arti 2025. Talbuna sabiex nibgħatu ritratt b'riżoluzzjoni għolja tax-xogħol/i nominat/i, bl-isem korrett tax-xogħol, kif ukoll dawk il-persuni/organizzazzjoni/jiet li għandhom jingħataw kreditu għax-xogħol.

55.04.82 Nhar is-07.11.25 ir-Reġjun Punent tella' stand fl-avveniment tal-EkoSkola - Green Flag Award. Għalih attendew il-Maniġer tal-iskart, il-Maniger tal-Ambjent u KX**.**

55.04.83 Nhar l-08.11.2025 sar il-ġbir taż-żebbuġ ġewwa l-lokalita' tas-Siġġiewi bil-parteċipazzjoni tal-Iscouts.

55.04.84 Nhar l-10.11.25 irċivejna stedina għal sessjoni onlajn fejn artisti se jaqsmu l-esperjenzi u l-għarfien tagħhom dwar l-għotjiet ta' Creative Europe.

55.04.85 Nhar l-10.11.25 irċivejna stedina għal 2 webinars nhar 13 u 19.11.25 organizzati minn URBACT dwar suġġetti kritiċi għall iżvilupp urban u l-involviment taċ-ċittadini.

55.04.86 Nhar il-11.11.25 il-President tal-Assoċjazzjoni informa lic-CEO tal-ERA lis-Sur Mercieca li l-biċċa l-kbira tal-kuntratturi m'għandhomx il-kapaċità li jwettqu ġbir żejjed fis-26 ta' Diċembru u fit-2 ta' Jannar. L-aktar jum vijabbli għalihom biex jagħmlu dan huwa l-Erbgħa 24 u 31 ta' Diċembru.

55.04.87 Nhar it-12.11.25 irċivejna mid-DLG sabiex nibgħatu rappreżentat sabiex jinġabru r-reġistri elettorali rispettivi tal-kunsilli fi ħdan ir-Reġjun.

55.04.88 Nhar it-13.11.25 irċivejna Ċirkulari 5/2025 dwar l-għeluq tas-sena finanzjarju Din kienet korrezzjoni fin-numru taċ-Ċirkulari.

55.04.89 Nhar it-13.11.25 ġejna mistiedna għall-għeluq tar-Reġjun Kulturali ta' Għawdex għas-sena 2025 - "A Cultural Celebration"

55.04.90 Nhar l-14.11.25 irċivejna Cir AKL 2025/068 Children's Peace March 2025. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, flimkien ma' MaltaCAN u l-Malta Foundation for the Wellbeing of Society, ser jorganizzaw Children's Peace March 2025 nhar 29.11.25, li ser tkun qed issir għall-ewwel darba. Din l-inizjattiva hi maħsuba biex twassal messaġġ qawwi favur il-paċi, u nfakkru li kull tifel u tifla għandu d-dritt li jgħix f'ambjent seren, sigur u bogħod mill-gwerra.

55.04.91 Nhar l-14.11.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-partners li l-applikazzjoni għal proġett Unity ma ġietx aċċettata. Esprimiet il-gratiduni għall-appoġġ matul il-proċess u għall-kollaborazzjoni fil-bini ta' proposta b'saħħitha u sinifikanti.

55.04.92 Nhar l-14.11.25 irċivejna Ċirkulari Nru 06/2025 - Allokazzjoni Finanzjarja għall-2026.

55.04.93 Nhar l-14.11.25 irċivejna mid-DLG rigward ir-reġistrazzjoni għall-URBACT City Festival (UCF) 2026. Il-festival se jsir mill-31.03.26 sal-1.04.26 f'Nikosija, Ċipru. Aktar minn 300 mill-500 post diġà huma meħuda, u fadal biss 200 post. Permezz ta' workshops, sessjonijiet interattivi, u opportunitajiet ta' networking, il-parteċipanti jiksbu għarfien prattiku, ideat innovattivi, u konnessjonijiet siewja biex iġibu lura lejn il-bliet jew l-organizzazzjonijiet tagħhom.

55.04.94 Nhar l-14.11.2025 saret il-press call tal-proġett Buzz Bee ġewwa l-iskola Primarja ta' Ħal-Safi.

55.04.95 Nhar il-15.11.25 sar football tournament ġewwa l-Imqabba fejn dawk li pparteċipaw niżlu fil-katakombi tal-Mintna.

55.04.96 Nhar is-17.11.25 irċivejna l-informazzjoni abbinata mal-Expo li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed torganizza nhar l-04.12.25 u il-05.12.25.

55.04.97 Nhar is-17.11.25 saret il-laqgħa bejn il-KL Kirkop u l-ERA fejn ġew diskussi problemi ambjentali fil-lokalita'.

55.04.98 Nhar l-17.11.25 irċivejna mingħand DLG l-Allokazzjoni Finanzjarja għall-2026.

55.04.99 Nhar is-26.11.25 ser ikollna żewg Budget Proposal Workshops, wieħed għall-istaff klerikali u team building event filwaqt li l-ieħor ser jkun għas-Sindki, kunsilliera u ES.

55.04.100 Nhar 28.11.2025 ser inkunu qed nassitu billi niprovdu transport għas-serata Kazin 60+ - Ġambori Festival 2025 ġewwa Teatru Malta.

55.04.101 Il-President fakkar sabiex anke kif kien komunikat fil-laqgħa tas-Segretarji Eżekuttivi, jintbgħatulna sa nofs Diċembru l-fatturi għar rimbors mill-fondi tar-Reġjun għal attivitajiet li saru sa Ottubru 2025.

**55.05 Tweġiebet għall-Mistoqsijiet**

**56.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

35.01.01 Kwotazzjoni RFQ240/2025 – Request For Quotation for Food handling Courses

35.01.02 Kwotazzjoni RFQ241/2025- Request For Quotation for the Waste Collection During Illuminated Trail

35.01.03 Kwotazzjoni RFQ242/2025- Request For Quotation for the Purchase of AED

35.01.01 Kwotazzjoni RFQ243/2025- Request For Quotation for Outdoor Stickers

35.01.02 Kwotazzjoni RFQ244/2025- Request For Quotation for the Printing of A4 Brochures

35.01.03 Kwotazzjoni RFQ245/2025- Request For Quotation for the Printing of A5 Flashcards

35.01.04 Kwotazzjoni RFQ246/2025- Request For Quotation for the Printing of Cards and Brochures

35.01.05 Rapporti EU Fund Manager – Kaeleci u EWRC

**55.07 Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart tas-Sena**

Il-President ħalla f'idejn l-accountant sabiex jagħti spjega tar-rapport tat-Tielet kwart tas-Sena. Wara mistoqsijiet u kjarifiċi li kien hemm, ippropona l-approvazzjoni tiegħu.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
**Il-Kunsill qabel unanimament**

**55.08 Rapporti tal-Mangers**

**55.08.01 Rapport tal- Maniġer tal-Iskart**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Iskart għal perjodu Lulju sa Settembru 2025.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa

Il-Kunsill qabel unanimament.

**55.08.02 Rapport tal-Maniġer tal-Ambjent**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Ambjent għal perjodu Lulju sa Settembru 2025.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament.

.

**55.08.03 Rapport tal-Maniġer tal-Proġetti**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Proġetti għal perjodu Lulju sa Settembru 2025.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima

Il-Kunsill qabel unanimament.

**55.08.04 Rapport tal-Maniġer tal-IT**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-IT għal perjodu Lulju sa Settembru 2025.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus

Il-Kunsill qabel unanimament.

**55.08.05 Rapport tal-Maniġer tal-Kultura**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Kultura għal perjodu Lulju sa Settembru 2025.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa

Il-Kunsill qabel unanimament.

**55.08.06 Rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej għal perjodu Lulju sa Settembru 2025..

Sekondant: Is-Sindku ta’ Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament

**55.09 Approvazzjoni ta’ Xiri**

**55.09.01** Kwotazzjoni RFQ240/2025 – Request For Quotation for Food handling Courses

Il-President informa li ntbagħtu ħames (5) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ipproponi sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima

Il-Kunsill qabel unanimament

**55.09.02** Kwotazzjoni RFQ241/2025 – Request For Quotation for the Waste Collection During Illuminated Trail

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**55.09.03** Kwotazzjoni RFQ242/2025 – Request For Quotation for the Purchase of AED

Il-President informa li ntbagħtu ħames (5) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna ħames (5) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

**55.09.04** Kwotazzjoni RFQ243/2025 – Request For Quotation for Outdoor Stickers

Il-President informa li ntbagħtu seba' (7) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna erba' (4) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**55.09.05** Kwotazzjoni RFQ244/2025 – Request For Quotation for the Printing of A4 Brochures

Il-President informa li ntbagħtu 4 inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**55.09.06** Kwotazzjoni RFQ245/2025 – Request For Quotation for the Printing of A5 Flashcards

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**55.09.07** Kwotazzjoni RFQ246/2025 – Request For Quotation for the Printing of Cards and Brochures

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna offerta waħda (1) biss. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l- offerta.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**55.10 Skeda tal-Pagamenti Nu.43**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 43.

Proponent: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

**55.11 Kampanja Promozzjonali Lovin Malta**

Il-President informa li l-AKL ġabet pakket ta' reklamar vantaġġuż mingħand Lovin Malta u ipporpona sabiex napprovawh u jintuża matul is-sena 2026

Sekondant: Is-Sindku ta' Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**55.12 Kollaborazzjoni ma' Visual non Visual Malta**

Il-President semma kif id-dinjità tal-post tax-xogħol lil hinn mid-dawl hija sfida soċjali li jaffaċċjaw l-NGO Visual Non-Visual Network.

Wara l-esperjenza pożittiva li kellna flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Imdina għal qtugħ taż-żebbuġ u ibbottiljar taż-żejt; l-għan ewlieni ta' dan l-impenn huwa li jinħolqu aktar opportunitajiet ta' ħiliet tax-xogħol, kif ukoll dawk intraprenditorjali, għal persuni għomja fis-soċjetà Maltija u lil hinn minnha.

Biex dan l-impenn ikompli jkun possibbli, il-President qed jipproponi u jistieden lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun biex fuq bażi volontarja joffru spazji lil din l-NGO għall-ħsad taż-żebbuġ li għalih huwa responsabbli kull Kunsill rispettiv. B'dan il-mod, ikun possibbli li nikkollaboraw aktar mal-NGO, li minn naħa tagħha tkompli toħloq impjiegi għall-ħaddiema neqsin mid-dawl. L-ħaddiema iridu jkunu ipprovduti mill-NGO infisha.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**55.13 Avventimenti Kulturali**

Il-President informa li l-għana hija parti mil-kultura Maltija li bil-mod qegħda tintilef. Għal dan il-għan ippropona sabiex b'kooperazjoni fosthom ma' Festgħana u M3P Foundation; nħejju sabiex fi 2026 intellgħu konferenza dwar l-għana li flimkien ma riċerka oħra nippubblikawa fi ktieb matul is-sena li nkunu r-Reġjun Kapital tal-Kultura. L-għan huwa sabiex nippriservaw il-wirt kulturali intanġibbli f'kuntest diġitali.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**55.14 Materji Oħra**

**55.14.01 Kollaborazzjoni Illuminated trail**

Il-President informa li għal sena oħra ser issir kollaborazzjoni mal-Illuminated Trail fejn ir-Reġjun ser jkun qed jħallas il-ġbir tal-iskart u jipprovdi 'bins' sabiex jinkoraġġixxi aktar is-separazzjoni tal-iskart. Bħala ġest t'apprezzament huma ser joffru biljetti tad-dħul b'xejn li ser jkunu qed jitqassmu lill-Kunsilli Lokali.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

**55.14.02 Stand Konferenza CEMR 4-5 ta' Diċembru ġewwa Westin Dragonara**

Il-President ippropona sabiex għal sena oħra intellgħu stand waqt l-Expo tal-AKL li ser ssir nhar l-04 - 05.12.2025 sabiex nesponu dak li għandna fir-Reġjun Punent. Qal ukoll li jekk hemm xi Kunsill li jixtieq jgħaddilna kopja tal-kotba li inħarġu u/jew materjal fuq il-lokalita' tagħhom nkunu nistgħu nesponuh.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

**55.14.03 Vot Waste Management Europe 2026 Bologna**

Il-President ippropona sabiex il-Waste Manager jattendi din il-fiera ġewwa Bologna li ser issir f'Mejju 2026.

Sekondant: Is-Sindku ta' Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**55.14.04 Proġetti fil-Komunitajiet - Programm 2024-2026 - It-Tieni Sejħa**

Il-President ippropona sabiex permezz ta' din l-iskema nixtru vettura elettrika sabiex inkunu nistgħu inkopru il-bżonnijiet tar-Reġjun.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

### 55.14.05 Extension of Art for Active Ageing Project to Your Region

Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun ikopri nofs l-ispejjeż ta' dan il-proġett li se jwassal lezzjonijiet tal-arti fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum tal-Anzjani fir-Reġjun Punent.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

### 55.14.06 BOV CashlinkMalta Deposit Only Card

Il-President ippropona sabiex napplikaw għal BOV CashlinkMalta Deposit Only Card minħabba li d-depożiti ta' ċekkijiet bl-envelope m' għadhomx aktar aċċettata.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

### 55.14.07 Flip book Milied

Il-President ippropona sabiex noħorġu flip book bl-attivitajiet tal-Milied.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

### 55.15 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-20.00 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar it-Tnejn 22 ta' Diċembru fis-1 pm.

| | |
|---|---|
| Sandro Azzopardi<br>President Reġjun Punent | Tania Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum